| **Grupp ta' Ħidma Parlamentari fuq id-Dijabete** |
|---|
| Laqgħa no. 5, Il-Kamra tal-Kumitati, Parlament ta' Malta |
| It-Tlieta, 7 t'Ottubru, 2014 – fis-1830hrs |

**Attendenza:**

Godfrey Farruġia, Simon Busuttil, Claudio Grech, Claudette Buttiġieġ, Franco Merċieċa, Deo Debattista, Kevin Mizzi

**Skuzati:**

Marthese Portelli, Michael Gonzi, Marlene Farruġia

**Assenti;**

Frederick Azzopardi, Clyde Puli

**Aġenda:**

1. Introduzzjoni mic-*Chairman* l-Onor Godfrey Farrugia, MP
2. Preżentazzjoni minn Profs Joseph Azzopardi, Endoċrinoloġista
3. Preżentazzjoni minn Profs Kevin Cassar Konsulent fuq mard Vaskulari / Professur
4. Preżentazzjoni minn Profs Jean Karl Ċiantar Soler, Tabib tal-familja
5. Preżentazzjoni mill-Onor Franco Merċieċa, MP, Oftamoloġista
6. Rimarki konklussivi mic-*Chairman* l-Onor Godfrey Farruġia, MP

**Minuti:**

Fl-Introduzzjoni tiegħu ic-Chairman Godfrey Farrugia elenka l-ħidma li saret matul il-ġimgħat tas-sajf; minkejja li ma nżammux laqgħat, fejn semma' li:

- Beda l-abbozzar ta' dokument li ser jintroduċi liġi li tirregola l-politika tad-dijabete f'pajjiżna;
- Inżammu laqgħat fosthom ma' Dr. Miguel Debono minn Sheffield Univesity fuq din il-ħidma u kuntatti għal proġett ko-finanzjat minn fondi Ewropej;
- Diskussjonijiet fuq preżentazzjoni bi-partitika ta' Avviz Legali; u
- Laqgħa ta' koordinament mas-Segretarju Parlamentari Chris Fearne.

Minnufih ic-Chairman sejjaħ lill Professur Joe Azzopardi sabiex jagħmel il-preżentazzjoni lill-kumitat u l-membri preżenti.

**Fil-preżentazzjoni tiegħu l-Professur Azzopardi għamel rijassunt tas-servizzi ta' sapport li huma provduti f'Malta fil-qasam tad-dijabete, b'mod partikulari l-edukazzjoni personali provduta lil dijabetiċi ta' Tip 1 u fi grupp fil-każ ta' dijabetiċi tat-Tip 2 u l-applikazzjoni tat-teknoloġija sabiex tiġbor data ċentarlizzata.**

Huwa sejjaħ għal framework strutturat f'dan ir-rigward u ssottometta dokument ta' rakkomandazzjonijiet.

B'mod specifiku, l-Professur Azzopardi iddiskuta t-tema tat-teknoloġija lejn kura organizzata u ffukata ġewwa pajjiżna. Huwa qal li hemm reġestrati 23,588 pazjent fuq is-sistema sa Ġunju 2014. Id-data ta' kull wieħed u waħda minnhom hija ffukata fid-dettal tagħha u

tipprovidi qafas siewi ta' mmaniġjar mill-professjonisti. Madankollu mhux kull professjonist ghandu access jew juża is-sistema, lakuna prinċipali li twassal biex ma tingħatax l-istampa reali ta' l-incidenza tad-dijabete f'pajjiżna. Il-Profs Azzopardi saħaq li mingħajr ma jkollna data aġġornata anqas ma nkunu nistgħu noħorġu data komparattiva fuq bażi reġjonali f'pajjiżna.

Sabiex naslu għal dan, il-Professur Azzopardi rrakkomanda li s-sistema ma tibqax waħda volontarja għall-professjonisti, partikularment it-tobba tal-familja, iżda tiġi obbligatorja li tintuża b'informazzjoni speċifika u diretta kif mitluba. L-ewwel pass jista jkun li tingħataw rights ta' 'read-only access' għat-tobba tal-familja.

Il-Kap ta' l-Oppożizzoni Simon Busuttil, f'isem il-Grupp ta' Ħidma laqa' l-proposta tal-Prof Azzopardi sabiex issir żjara sabiex il-membri tal-Grupp jaraw kif tiffunzjona sew is-sistema fl-Isptar Mater Dei.

**It-tieni preżentazzjoni saret mill-Profs Kevin Cassar u ffukat b'mod partikulari fuq amputazzjonijiet u ħsara serja fuq ir-riġlejn**.

Huwa qal l-każijiet fejn ikollhom jinqatgħu riġlejn mill-irkoppa minħabba kundizzjonijiet severi għadhom għoljin, minkejja li naqsu mill-2006 sal-lum. Huwa saħaq fuq bżonn ta' azzjoni immedjata, partikularment għoti ta' antibiotici fuq pazjenti b'kundizzjonijiet severi li għadhom jitħallew jistennew is-siegħat twal fl-emerġezna. F'dan il-kuntest huwa qal li minuti żejda jistgħu anka jikkawzaw ħsarat irreparabli u anke imwiet.

Huwa kkritika l-fatt li għad m'għandiex sistema fejn pazjenti ikun affiljat mat-tabib tal-familja li minn naħa tiegħu jkun f'pożizzjoni li dan ta' l-aħħar ikun jista jibqa jagħmel monitoraġġ tal-kundizzjoni tal-pazjent b'mod adegwat. B'Reġistru Nazzjonali tad-Dijabete, skond il-Professur Cassar, inkunu qed innaqqsu l-pazjenti f'pajjizna b'70%. Huwa esprima ċ-ċertezza tiegħu minn 300 amputazzjoni li qed issir bħalissa, faċilment jistgħu jonqsu ghal 100. Dan iwassal ghal tnaqqis fl-ispiza pubblika, apparti socjeta aktar b'saħħita u kwalita ta' ħajja aħjar ghall-pazjenti.

Profs Cassar stieden lill-membri tal-Grupp ta' Ħidma sabiex iżuru l-OPU f'Mater Dei, li fi kliemu huwa fi stat delapidat ghall-aħħar. Żied jgħid li minn April l'hawn m'għadux jiffunzjona għax spiċċaw il-fondi peress li Gvern wieħed wara l-ieħor qatt ma jolloka fondi kemm ikun hemm bżonn.

Fattur ieħor inkwetanti huwa li Profs Cassar sejjaħ sabiex ma nibqgħu ngħaddu biż-żmien bil-pazjenti li jitħallew jistennew il-konsenja taż-żraben speċjalizzati li qatt ma jkunu ordnati minħabba nuqqas ta' flus...

Huwa saħaq fuq il-bżonn li neradikaw proċeduri burokratiċi li jtellfu l-ħin lill-kulħadd, inkluż lit-tobba, li qed jiggravaw l-kundizzjonijiet tal-pazjenti.

Profs Cassar emfasizza li mingħajr National Screening programm, hu u l-kollega ieħor li jaħdem fil-qasam, ser jitħallew jgħażqu fl-ilma.

Huwa kkritika wkoll Azzjonijiet Industrijali kkawżaw inkonvenjenti konsiderevoli, tant li l-amputazzjonijiet f'okkazzjonijiet imsemmija kienu bi kwantita akbar minn normal.

Saħaq ukoll fuq l-problema ta' salarji li nagħtu bħala pajjiż lil speċjalisti fil-qasam li huma ppegjati ma' Gradi baxxi ferm. Dan iwassal ghal braindrain inevitabbli u dettriment akbar għas-settur tas-saħħa f'pajjiżna.

It-tlett rakkomandazzjonijiet li għadda Profs Cassar fit-tmiem tal-preżentazzjoni tiegħu kienu:

1. M'għandhomx jiġu introdutti servizzi ġodda, iżda għandha tittejjeb il-kwalita' tas-servizzi ġa eżistenti;
2. Jiġi assigurat li jingħataw dawn iż-żraben speċjalizzati u jkunu tajbin; u
3. Tiġi eliminata immedjatament il-burokrazija żejda.

**It-tielet kelliem kien it-tabib tal-familja Jean Karl Soler, li qal li l-problema ta' piż, ta' pressjoni u colesteral bħala problemi aktar serji li jwassalu għad-dijabeti milli z-zokkor innifsu**.

B'hekk ir-riskju ta' inċidenza huwa mifrux fuq spettru aktar wiesa' mentri z-zokkor joħloq problemi aktar akuta fuq l-vizta. Huwa saqsa b'mod retoriku hux minnu li tassew l-inċidenza tad-dijabete tikkostitwixxi 10% tal-popolazzjoni minħabba l-fatt li huwa jistma li din tilħaq biss is-6%. Fi kliemu ma riedx inaqqas mis-serjeta' ta' l-inċidenza u r-riperkussjonijiet fuq verji fatturi Nazzjonali.

Huwa emfasizza fuq ir-rwol sensittiv tat-tabib tal-familja u kemm jista jagħmel dijanjozi klinika effettiva abbażi ta' indikaturi u ratios li tħaffef il-pressjoni minn fuq speċjalisti oħrajn għall-ġid tal-pazjent innifsu. Saħansitra certa dijanjożi tista ssir mill-pazjent stess. Madankollu, huwa saħaq, dan jista jsir biss jekk insaħħu l-kura primarja u invaraw reġistru tal-pazjenti. 95% tal-każi ta' dijabete, skond Dottor Fleuri Soler, jistgħu jibdew u jispiċċaw għand it-tabib tal-familja.

Dr. Fleuri Soler esprima l-frustrazzjoni tiegħu meta każijiet serji intefgħu xi sena jew aktar l'bogħod għax l-awtoritajiet jissuspettaw li kull GP jabbuża mis-sistema ta' rakkomandazzjonijiet mediċi.

Hemm bżonn ukoll li titwaqqaf sistema ta' electronic patient records fiċ-ċentri tas-saħħa biex titħaffef il-kura u l-process li jwassal għaliha. Qal ukoll li anqas hemm bżonn li GP jibgħat pazjent l-isptar għal Schedule V form, xi ħaġa li tista ssir fil-post mit-tabib tal-familja stess; izda dan isir jekk jiġi fformalizzat u organizzat aħjar ir-rwol tat-tabib tal-familja u għaldaqstant jigi msaħħaħ il-kunċett tal-'continued care'.

**Fl-aħħarnett tkellem il-membru tal-Grupp ta' Ħidma Franco Mercieca, li huwa oftamoloġista di professjoni, fejn naturalment poġġa l-lenti fuq il-ħsara li ssir fir-retina ta' l-għajn permezz ta' l-inċidenza tad-dijabete.**

Beda biex jgħid li l-inċidenza rikurrenti hija li l-pazjenti jiġu għall-kura meta jkun tard wisq. Huwa saħaq li din hi l-kawża prinċipali fost dawk il-pazjenti bejn 16 u 64 sena; minkejja li l-laser huwa effettiv jekk l-intervent isir f'waqtu.

Deterrent prinċipali fil-kura specjalizzata fl-għajn huwa l-assenza ta' pjan nazzjonali ta' screening f'pajjiżna, fejn pazjent m'għandux għarfien fejn għandu jirrikorri. In oltre, active screening process itaffi l-pressjoni finanzjarja fuq il-pajjiz u jipprovdi kura aktar fil-ħin. L-eżempju li gab Dr. Mercieca kien dak ta' l-Islanda fejn beda fl-1980 u naqqas l-inċidenza ta'

danni fl-għajnejn minn 4.5% għal 0.5%. Għaldaqstant huwa saħaq li l-active screening għandu jkun l-onus tal-Gvern u mhux tal-pazjent.

**Bħala konkluzjoni, c-Chairman Godfrey Farruġia irringrazzja lill-kellima li ppartecipaw u dawk kollha li attendew tal-kontribuzzjonijiet tagħhom.**

Huwa ħabbar li nhar it-Tnejn 13 ta'Ottubru, l-Kummissjaru tas-Saħħa u Konsumatur Dr. Tonio Borg, flimkien ma' d-deputat DG SANCO urew ix-xewqa li jiltaqgħu mal-Kumitat fil-preżenza tal-media.

Dr. Farruġia informa lill-membri li l-istedina ntlaqgħat bil-qalb u l-laqgħa ser issir fis-1930hrs.